



Stat Membru ma jistax jissuġġetta d-dritt għal leave parentali għar-reqwiżit li l- ġenitur kellu impjeg fil-mument tat-twelid jew tal-adozzjoni tal-wild

Madankollu l-Istat Membru jista' jeżiġi li l-ġenitur ikun okkupa, mingħajr interruzzjoni, impjeg matul perijodu ta' mill-inqas tnax-il xahar immedjatament qabel il-bidu tal-leave parentali

Inqalgħet tilwima bejn XI u l-Caisse pour l'avenir des enfants (Luxembourg) (il-Fond għall-Futur tat-Tfal, il-Lussemburgu) wara li dan tal-aħħar irrifjuta li jagħtiha d-dritt għal leave parentali sabiex tiegħu ħsieb it-tewmin tagħha, għar-raġuni li hija ma kinitx tokkupa impjeg bi ħlas fil-jum tat-twelid tagħhom.

F'Settembru tal-2011, XI kienet fil-fatt ikkonkludiet mal-Gran Dukat tal-Lussemburgu kuntratt għal żmien determinat għall-provvista ta' servizzi ta' persuna responsabbli għall-edukazzjoni u t-tagħlim post-primarju li skada fis-26 ta' Jannar 2012. F'din id-data, hija tneħħiet mill-affiljazzjoni mal-organi tas-sigurtà soċjali. FI-4 ta' Marzu 2012, meta ma kinitx impjegata, XI welldet tewmin. FI-14 ta' Ġunju 2012, XI ġiet ammessa għall-benefiċċju tal-allowances tal-qgħad u minħabba f'hekk ġiet affiljata mill-ġdid mal-organi tas-sigurtà soċjali. Wara li kkonkludiet mal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, fil-15 ta' Settembru 2012 u fl-1 ta' Awwissu 2013, żewġ kuntratti għal żmien determinat, XI iffirmat, fil-15 ta' Settembru 2014, kuntratt għal żmien mhux determinat ma' dan l-Istat Membru fil-qasam tal-edukazzjoni.

XI ressqet talba intiża li tibbenefika minn leave parentali bil-bidu mixtieq fil-15 ta' Settembru 2015. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Marzu 2015, din it-talba ġiet miċħuda mill-Caisse pour l'avenir des enfants (il-Fond għall-Futur tat-Tfal) li sostna li l-għoti ta' leave parentali huwa ssubordinat għall-kundizzjoni li l-ħaddiem ikun impjegat legalment fuq il-post tax-xogħol u jkun affiljat għal dan il-għan mal-iskema ta' sigurtà soċjali kkonċernata fil-mument tat-twelid tal-wild.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fuq it-talba tal-Cour de cassation (Luxembourg) (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Lussemburgu), tiddetermina jekk id-direttiva li tapplika l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave parentali¹ tipprekludix l-applikazzjoni ta' liġi Lussemburgiża li tissuġġetta l-għoti tal-leave parentali għall-kundizzjoni doppja li l-ħaddiem ikun okkupat legalment fuq post tax-xogħol u jkun affiljat f'dan ir-rigward fl-iskema ta' sigurtà soċjali, minn naħa, mingħajr interruzzjoni matul perijodu ta' mill-inqas tnax-il xahar kontinwu immedjatament qabel il-bidu tal-leave parentali u, min-naħa l-oħra, fil-mument tat-twelid jew tal-akkoljenza tal-wild jew tal-ulied li jkollhom jiġu adottati, fejn l-osservanza ta' din it-tieni kundizzjoni hija meħtieġa anki jekk it-twelid jew l-akkoljenza jkunu seħħew iktar minn tnax-il xahar qabel il-bidu tal-leave parentali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva, qabel xejn, li l-Istati Membri jistgħu jissuġġettaw l-għoti ta' leave parentali għal perijodu ta' xogħol minn qabel li ma jeċċedix sena u jistgħu jeżiġu li l-imsemmi perijodu jkun kontinwu. Barra minn hekk, peress li talba għal leave parentali hija intiża li tikseb, min-naħa tal-applikant, sospensjoni tar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-perijodu ta' xogħol preliminari jkun seħħ immedjatament qabel il-bidu tal-leave parentali. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-għoti ta' dritt għal leave parentali għall-okkupazzjoni mingħajr**

¹ Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat- 8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE (ĠU 2010, L 68, p. 13).

interruzzjoni ta' impjeg mill-ġenitur ikkonċernat matul perijodu ta' mill-inqas tnax-il xahar immedjatament qabel il-bidu ta' dan il-leave parentali.

Fuq il-kundizzjoni dwar l-okkupazzjoni, mill-ġenitur, ta' impjeg fil-mument tat-twelid jew tal-akkoljenza tal-wild jew tal-ulied li jkollhom jiġu adottati, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li d-dritt għal leave parentali huwa dritt individwali mogħti lill-ħaddiema, irġiel jew nisa, minħabba t-twelid jew l-adozzjoni ta' wild sabiex il-ġenitur ikun jista' jieħu ħsiebu sa meta jilħaq ċertu età (li ma għandhiex teċċedi t-tmien snin). Hija tispeċifika li t-twelid jew l-adozzjoni ta' wild u l-istatus ta' ħaddiem tal-ġenituri tiegħu huma kundizzjonijiet li jikkostitwixxu dritt għal leave parentali iżda li minn dawn il-kundizzjonijiet ma jistax jiġi dedott li l-ġenituri tal-wild, li għalih jintalab dan il-leave, għandhom ikunu ħaddiema fil-mument tat-twelid jew tal-adozzjoni tiegħu.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li d-direttiva għandha l-għan kemm li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'dak li jirrigwarda l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq ix-xogħol kif ukoll li tippermetti lill-ġenituri li jaħdmu jikkonċiljaw aħjar il-ħajja professjonali tagħhom, il-ħajja privata tagħhom u l-ħajja tal-familja tagħhom. Hija tispeċifika wkoll li **d-dritt individwali ta' kull ġenitur ħaddiem għal leave parentali minħabba t-twelid jew l-adozzjoni ta' wild jirrifletti dritt soċjali tal-Unjoni li għandu importanza partikolari u ġie, barra minn hekk, stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.**

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-esklużjoni tal-ġenituri li ma jaħdmux fil-mument tat-twelid jew tal-adozzjoni tal-wild tagħhom tillimita l-possibbiltà li dawn jieħdu leave parentali f'mument ulterjuri fil-ħajja tagħhom fejn huma jeżerċitaw mill-ġdid impjeg u jkollhom bżonnu sabiex jirrikonċiljaw ir-responsabbiltajiet familjari u professjonali tagħhom. Tali esklużjoni tmur kontra d-dritt individwali ta' kull ħaddiem li jkollu leave parentali. Barra minn hekk, il-kundizzjoni doppja imposta mil-leġiżlazzjoni Lussemburgiża, twassal, fir-realtà, meta t-twelid jew l-akkoljenza jkunu seħħew iktar minn tnax-il xahar qabel il-bidu tal-leave parentali, li jtawwlu l-kundizzjoni relatata mal-perijodu ta' xogħol u/jew mal-perijodu ta' anzjanità li ma għandux jeċċedi sena.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **Stat Membru ma jistax jissuġġetta d-dritt għal leave parentali ta' ġenitur għall-kundizzjoni li huwa kien jaħdem fil-mument tat-twelid jew tal-adozzjoni tal-wild tiegħu.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☐ ☎ (+32) 2 2964106